

Brussell, 21 ta' Novembru 2025
(OR. en)

15512/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0243 (NLE)**

LIMITE

**COPEN 349
DROIPEN 139
JAI 1702
ENV 1235
RELEX 1496
COSCE 12**

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-ħarsien tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali
- Adozzjoni

I. INTRODUZZJONI

1. Permezz tad-Deċiżjoni (UE) 2023/2170¹, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tipparteċipa, f'isem l-Unjoni, f'negozjati rigward konvenzjoni dwar il-ħarsien tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali li tħassar u tissostitwixxi l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tal-1998 dwar il-ħarsien tal-Ambjent permezz tal-Liġi Kriminali.
2. Il-Kummissjoni mexxiet in-negozjati flimkien mal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kooperazzjoni Ġudizzjarja f'Materji Kriminali (COPEN).

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/2170 tat-28 ta' Settembru 2023 li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea tipparteċipa, f'isem l-Unjoni Ewropea, f'negozjati dwar Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa li tħassar u tissostitwixxi l-Konvenzjoni tal-1998 dwar il-ħarsien tal-Ambjent permezz tal-Liġi Kriminali (ETS Nru 172) (ĠU L, 2023/2170, 16.10.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2170/oj>).

3. Wara konklużjonijiet b'suċċess tan-negozjati, il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa adotta l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Ħarsien tal-Ambjent permezz tal-Liġi Kriminali ("il-Konvenzjoni dwar ir-Reati Ambjentali") fl-14 ta' Mejju 2025. Il-Konvenzjoni dwar ir-Reati Ambjentali hija prevista li tinfetħ għall-iffirmar fit-3 ta' Diċembru 2025.
4. Fid-29 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni dwar ir-Reati Ambjentali.²
5. L-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill huwa bbażat fuq l-Artikolu 83(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu.
6. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ u ta opinjoni fit-22 ta' Settembru 2025⁴.
7. Il-Grupp ta' Ħidma COPEN iddiskuta l-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill fil-laqgħat tiegħu tal-15 ta' Settembru, it-3 ta' Ottubru u s-7 ta' Novembru 2025. Wara konsultazzjoni informali⁵, intlaħaq qbil dwar it-test fil-livell tekniku⁶.
8. Wara, il-ġuristi lingwisti rrevedew it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill u t-traduzzjonijiet tal-Konvenzjoni dwar ir-Reati Ambjentali. It-test kif rivedut mill-ġuristi lingwisti jinsab fid-dokument ST 15294/25 (abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill) u fid-dokument ST 15396/25 (Konvenzjoni dwar ir-Reati Ambjentali).
9. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill issa għandha tiġi adottata, fil-ħin għaċ-ċerimonja tal-iffirmar tal-Konvenzjoni dwar ir-Reati Ambjentali.

² ST 11314/25 + ADD 1.

³ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj>).

⁴ ĠU C [...], [...], p. [...] (*Opinjoni tal-KEPD 25/2025*)

⁵ ST 15322/25 + REV 1.

⁶ ST 15322/1/25 REV 1 ADD 1.

II. KONKLUŻJONI

6. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden:
- (a) jikkonferma l-qbil dwar it-test tad-Deċiżjoni tal-Kunsill, kif jinsab fid-dokument ST 15294/25;
 - (b) jikkonferma t-test tal-Konvenzjoni dwar ir-Reati Ambjentali, kif jinsab fid-dokument ST 15396/25;
 - (c) jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill kif tinsab fid-dokument ST 15294/25, permezz ta' punt "A" f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss.
-